# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

ŻGĦIR B'QALB KBIRA


## Seduta numru 6 - Illum il-Hamis, 1 ta' Ottubru 2009

### MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-6.00p.m. fuq l-Aġenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Haddiem Klerikali mal-Kunsill
Offerta għal Servizzi Agrikoli – Proġett BioMed
Affarijiet Mixxellanji
Aġġornament

### PREŻENTI

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunisllier Giovann Gatt u l-Kunsillier Maria Said .

Is-Segretarju Eżekuttiv : Christine Lewis, Deputat Segretarju Eżekuttiv : Noel Cini

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

### MINUTI

**<u>1.00 Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

1.01 Il-Minuti ttieħdu bħala moqrija u wara konsiderazzjoni kien deċiż li paragrafu 7.09 jiġi emendat fis-sens li t-tabella kellha tinbidel u jiżdied Mathi, il-post fl-Italja li l-Imġarr għandu ġemellaġġ miegħu. Wara dan, il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

1.02 Is-Sindku rrefera għal paragrafu 7.17 u qal li dawn il-listi kienu għadhom ma ntbagħtux minħabba li kien hemm bżonn li d-dwal ġodda jiġu mmarkati fuq site plan. Hawnhekk il-Kunsillier Gatt kien inkarigat sabiex jimmarka dawn id-dwal fuq is-site plan.

**<u>2.00 Korrispondenza</u>**

2.01 Il-Viċi Sindku ta ftit dettalji dwar l-Iskema dwar Inizjattivi Sportivi – 2010, u qal li kien ser jiddiskuti din l-iskema mal-Kumitat taż-Żgħażagħ.

2.02 Il-Kunsillier Gauci tkellem dwar korrispodenza mibgħuta mill-Kumitat Olimpiku Malti u l-Kunsill iddeċieda li din l-ewwel għandha tiġi wkoll diskussa fil-Kumitat taż-Żgħażagħ, u wara l-Kunsill jiddeċiedi jekk japplikax jew le.

ŻGĦIR B'QALB KBIR
# Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

2.03 Il-Viċi Sindku semma' wkoll attivita` li ser tiġi organizzata mill-Malta Bike Adventure, u qal li għandu jinforma lill-Kumitat taż-Żgħażagħ sabiex jieħu sehem f' din l-attivita`, u qal ukoll li ser jieħu ħsieb li tingħata l-pubbliċita` fil-lokalita`.

2.04 Il-Kunsill irċieva email dwar xi tabelli li ser jitħallsu mill-Kunsill fil-Kulleġġ San Nikola. Is-Sindku qal li l-ispiża għal dawn it-tabelli jidher li ser tkun ta' 814.86 ewro u mhux kif kien mifthiem oriġinarjament. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas 600.00ewro.

2.05 Il-Kunsill kien preżentat bi pjanta ta' żvilupp minn Ciapella Motors Ltd, li kien qed ikun propost fi Triq Haġrat. Il-Kunsill ikkonkluda li ma għandu ebda oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp.

2.06 Ġew iċċirkolati numru ta' applikazzjonijiet ta' żvilupp fil-lokalita` ta' l-Imġarr li waslu għand il-MEPA kif ukoll xi deċiżjonijiet li kienu ttieħdu mill-istess Awtorita`.

## 3.00 Komunikazzjonijiet

3.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu ittra mingħand is-Sinjura Natasha Cassar, l-Uffiċjal Ezekuttiv tal-Kunsill fejn din talbet lil istess Kunsill sabiex jikkonsidra li jagħtiha perjodu ta' disa' xhur unpaid leave, u dan minħabba li kienet intgħażlet sabiex issegwi kors fl-Universita` ta' Malta. Hawnhekk żvolġiet diskussjoni dwar din it-talba, u sar qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill ma setax jilqa' t-talba tas-Sinjura Cassar minħabba li tista' tinħoloq inġustizzja ma', kif ukoll inċertezza għal dik il-persuna li ser tiġi impjegata flokha.

## 4.00 Haddiem Klerikali mal-Kunsill

4.01 Is-Sindku ppreżenta wkoll lista ta' aktar minn mitejn persuna li kienet intbagħtet mill-ETC dwar il-post vakant ta' skrivan li kellu l-Kunsill. Hu qal li d-data tal-egħluq sabiex dawn ikunu jistgħu jibagħtu s-CV tagħhom għal konsiderazzjoni tal-Kunsill kienet it-8 ta' Ottubru 2009. Huwa kompla jgħid li wara din id-data l-Kunsill kellu jevalwa dawk l-applikazzjonijiet li jkunu daħlu u jiddeċiedi għal min kien ser jibgħat għall-intervista.

## 5.00 Offerta għal Servizzi Agrikoli – Proġett Biolmed

5.01 Il-Vici Sindku qal li hu kien qed jattendi għal-laqgħat li kienu qed isiru fil-Kunsill dwar dan il-proġett u weigħed li ser jirrapporta aktar fid-dettal dwar dawn il-laqgħat aktar 'il quddiem. Hawnhekk is-Sindku ġieb l-offerta mitfugħa u ppropona li din kella tiġi approvata u b' hekk jintagħżel il-grupp li kien immexxi mis-Sur Saviour Cremona. Il-Kunsill qabel ukoll li kellu jitqabbad is-Sur Louis Padovani, li diġa` kien qed joffri s-servizzi finanzjarji tiegħu lill-Kunsill, sabiex jevalwa dan il-proġett mill-għadd finanzjarju. Il-ħlas għal dan is-servizz kien ta' 2950 ewro fis-sena.

## 6.00 Affarijiet Mixxelanji

6.01 Is-Sindku reġa' poġġa fuq il-mejda l-istimi dwar ix-xogħol ta' railing għal fuq il-bejt tal-bini tal-Kunsill fejn qal li kienet inġiebet it-tielet stima. Il-Kunsill qabel li kellha tingħażel l-

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

istima tas-Sur Charles Grech li kienet tammonta għal 800.00 ewro. Il-Kunsill kellu wkoll jitlob lis-Sur Grech sabiex dan ix-xogħol ta' ħadid jiġi galvanizzat.

6.02 Is-Sindu qal li bħas-snin l-oħra, il-Kunsill għandu jordna numru ta' diaries sabiex jitqassmu mill-Kunsillieri f' Diċembru 2009. Huwa pproduċa stima ta' diaries. Il-Kunsill qabel li għandu jordna 40 diary, u li l-kulur tal-qoxra jkun kannella.

6.03 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-banda minn Mathi u l-proġett Town Twinning – Citizen's Meeting, u qal li kein għamel l-applikazzjoni meħtieġa dwar dan il-proġett. Qal li l-attivita`kienet issemmiet Merging Through Music.

6.04 Il-Viċi Sindku rrefera għal dak li kien intqal fis-seduta ta' qabel dwar iż-żjara ta' grupp ta' residenti fit-Toscana fejn dawn kienu ser jiltaqgħu ma' grupp ta' residenti minn Mathi, u qal li dan ma kienx possibbli, u għalhekk kien propost li l-grupp jitla' Mathi u joqgħod ftit jiem hemmhekk, u wara dan, imorru jżuru xi postijiet oħra, u dan għal fini biex jinġiebu fondi.

6.05 Dwar l-attivita` tal-Community Chest Fund tkellem il-Kunsillier Gauci u qal li waqt laqgħa tal-Kumitat taż-Żgħażagħ kienu preżentati għadd mhux ħażin ta' ideat fosthom li ssir rock mass taħt it-tinda, issir kompetizzjoni ta' presepji, u line dancing fost l-oħrajn. L-istess Kunsillier qal li kien ser iġib kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa f' seduta oħra.

6.06 Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-EkoSkola u qal li ser ikollu laqgħa ma' Dr Paul Pace dwar il-possibilta` li jsir programm fl-iskola primarja, u dan bil-kollaborazzjoni sħieħa tal-Kunsill Lokali.

6.07 Dwar wieħed mill-ilmenti li daħlu l-Kunsill, li kien dwar rimi ta' skart ħdejn il-bring-in-site, ġie deċiż li tinġieb stima ta' cctv sabiex din titwaħħal ħdejn dan is-sit.

6.08 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien mar għand il-kumpanija Fino li kienet qed tagħmel sale ta' għamara u qal li wara li kkonsulta mal-Viċi Sindku, u mal-Kunsillier Gauci, kien ordna xi għamara għall-uffiċċju tal-Kunsill. Qal li din l-għamara kienet tiswa 1640.00 ewro.

6.09 Il-Kunsillier Gauci tkellem dwar ilment li kien irċieva dwar Triq il-Majjistral, u sar qbil li dan għandu jkun wieħed mill-items fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

6.10 L-istess Kunsillier tkellem ukoll dwar Triq il-Kbira, ħdejn il-ħanut tal-ħobż u dwar il-vetturi li jkun hemm ipparkjati. Wara li saret diskusssjoni dwar il-problema ta' parkeġġ f' din it-triq, il-Kunsillier Gauci ippropona li l-Kunsill għandu jara x' possibiltajiet hemm sabiex tiġi eliminata din il-problema - li qed toħloq inkonvenjent kbir f' din it-triq.

6.11 Il-Kunsillier Gatt qal li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex il-Kunsill ikun jaf xi pjanijiet hemm għal Triq Santa Marija u Triq San Pietru. Hu qal li wara dan, il-Kunsill għandu jgħarraf lir-residneti ta' dawn it-toroq dwar ir-risposta li jkun ħa mill-Korporazzjoni.

6.12 Is-Sindkui qal li kien ser ikellem lill-enġinier dwar ir-residenza tas-Sur John Abela li tinsab fi Triq Fisher, kantuniera ma' Triq Santa Marija.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : *www.mgarr.gov.mt*

**07.00 Aġġornament**

07.01 Ġiet approvata l-lista ta' ħlasijiet annessa ma' dawn il-Minuti.

07.02 Il-laqgħa ntemmet fit-9.00p.m.

Noel Cini
Agent Segretarju Eżekuttiv

Paul Vella
Sindku